IT-TRIQ TAS-SALIB - VIA SAGRA djalogata

Pitturi ta Siegert Koder

L-1 stazzjon - Ġesu’ għandu jmut

Ġesu’:

Ir-rieda tal-Missier!
Irridha.
Jagħtuhieli.
Mogħtija lili minn idejn il-Missier,
b’idejn in-nies.
Idejn imdemma,
ħomor bid-demm.
Id-demm tiegħi!
Ir-rieda tal-Missier!
Irridha.

It-2 stazzjon - Is-salib

Ġesu’:

Tajt kelmti.
Jeħtieġ!
Jeħtieġ li dan isir,
għalkemm b’mod kriminali u baxx.
B’salib.
Tawni salib.
U jiena ngħannqu.
Riġlejja jitriegħdu.
Imma niftaħ beraħ idejja,
bħal min iħobb lill-maħbuba tiegħu.
U nkun bħal siġra,
b’dirgħajja miftuħa.
Siġra!
Min ġej miegħi f’din is-sura kerha tiegħi?
Ħadd!
Jiena waħdi,
b’dak ii ser jkun il-forka tiegħi.
Waħdi!
Alla tiegħi!
Kif se nasal?
Imma tajt kelmti.
Jeħtieġ li dan isir!



It-3 stazzjon - Il-waqgħa

Ġesu':



Inħares b'wiċċi lejn il-Kalvarju.
Bħall-ħamiema li terġa' lejn fejn telqet,
bħall-maħub lejn il-maħbuba tiegħu.
Wiċċi lejn il-Kalvarju!
Bit-trab li ġbart mal-waqgħa.

Folla:

Qum!
Qum, jekk tista'!
Ngħinuk?
Le!

Ġesu':

Idħku
Idħku bija!
Jien naqa', biex intom tibqgħu wieqfa.
M'inix se nibqa' fl-art.
Inqum.
Nimxi, b'wiċċi 'l quddiem.
Inħares lejn il-Kalvarju!

Ir-4 stazzjon - Marija

Marija:

Ibni, Alla tiegħi.
Qed immut il-mewt tiegħek,
Miegħek.
Noffrik.
Nagħtik lil Alla.
Ħajtek fija.
Ħajti fik.
Nagħmel dan minn qalbi.
Iva, minn qalbi.
Kieku rridek f'saħħtek mill-ġdid,
mill-ġdid tarbija.
Imma,
jien kburija bik.
Jiena qegħidtek fuq l-altar tal-ħajja.
Il-ħajja hi altar.
U dan hu l-jum tiegħek.
Qalbi muġugħa.
L-uġigħ tiegħek hu tiegħi.
Qed immut din il-mewt miegħek.

Il-5 stazzjon - Xmun

Ġesu':



Irridek, ħabib.
L-għadam tiegħi,
l-għadam ta' spallejja, ...
mixkufa,
qed joborxu s-salib.
Dirgħajja mibruma mal-għuda.
Il-ħabel,
imħabbel u jweġġagħni.
Issa jeħduli l-għuda,
iħolluli jdejja.
Il-ħabel jiddendel miegħi,
u jitbandal ħieles,
imsoqqi bid-demm.
Id-demm tiegħi!
Ja raġel,
ħabib tiegħi,
tista' żżommli d-demm li ħiereġ?
Ersaq, aqbad idejja,
ħu s-swaba tiegħi f'tiegħek;
żommni,
għax għandi bżonnok,
... irridek!

Is-6 stazzjon - Veronika

Tifel:



Dik il-mara,
Veronika,
ġejja ħdejk.
Min int,
miexi kemm titħarrek lejn il-mewt?
Aħmar,
miksi bid-demm tiegħek stess,
itteftef bla taf fejn miexi.
Int, li kont sabiħ u qalbek tajba.
Inħobbok!
U issa nħobbok iżjed.
Nersaq lejk, nadurak.
Issa, Mulej,
ħdejn din il-mara,
Veronika,
li tgħallimni nħobbok iżjed.

Is-7 stazzjon - Ġesu' jerġa' jaqa'

Qassis:

Jiena s-setgħa!
Tkaxkar għalija.
Tkaxkar, Ġesu'!
Ma tistax tarani, hux?
Għajnejk mimlija demm.
M'inix ser immissek.
Tibżax.
Imma jien nitpaxxa bik,
narak tmut.
Mut!
Aqa'!
Mut! Le! Mhux għalissa.
Nies, qajmuh!
Isma' issa,
qed ikellmek qassis.
U int bil-kemm titkellem.
Int li tkellimt,
u tkellimt tant tajjeb.
Issa tkaxkar.
Kompli tkaxkar, Ġesu'!

It-8 stazzjon - In-nisa

Tifel:



Ma, għaliex qed tibki?
Tibża' tara 'l Ġesu' jmut?
Mela għalfejn ġibtni hawn?
Dan mhux post tat-tfal!
Ġesu' ta' quddiemna,
iħares ċass lejna...
ma jridx min jaħli d-dmugħ;
min qed jibki għax jixtieq jagħmel
dak li issa ma jistax jagħmel,
kellu ż-żmien,
kif jaf kif,
imma għamel ta' bir-ruħu
li ma jafx,
li ma rax,
li ma jistax.
U issa tard.

Għax ma teħodnix id-dar,
u tkompli hemm ix-xogħol tiegħek ta' omm?...
tieħu ħsiebi,
ħsieb ħuti,
ħsieb missieri.

Ħudni d-dar, ... issa,
imma ngħaddu minn fejn għadda Ġesu'
sa ma wasal hawn,...
bla ma nirfsu d-demm li ħalla,
frisk,
għadu ma nxtorobx mit-trab.

Fi triqitna lejn id-dar,
ejja nbusu t-triq fejn rifes Ġesu',
biex ma min jarana, jagħmel bħalna,
u int ma tkunx biss omm li tibki,
għal Ġesu',
imma tkun omm li tibki,
ma' Gesu'

Id-9 stazzjon - Waqgħa oħra

Raġel:

Din il-folla mitlufa minn sensiha,
qed tagħfas madwarek,...
iddejqek,
tfixklek,
u se terġa' twaqqgħek!
Għat-tielet darba.
Ħafna li qed jarawk f'din is-sura
ma ġewx bħalma ġew drabi oħra,
biex jisimgħuk,
biex tfejjaqhom,
biex tfarraġhom.



Ġew jarawk, taqa',
idduq it-trab li rifsu b'riġlejhom,
u jħarsu biex jistennew x'se jiġri,
jew tibqax hemm,
tħares bil-ħniena
lejn uċuħ li jitolbu li inti tqum.
Iridu jarawk imsallab!

Tgħid jasal?
Fosthom għad hemm dawk li ma mlewx qalbhom
Bid-daqqiet li qlajt s'issa,
bix-xewk ta' rasek,
li għadu jqattar id-demm,
bit-tliet waqgħat.

Xi jgħid min minnhom fieq bil-kelma tiegħek?
Dan ukoll iridek imsallab?

Hemm ukoll ommok u ħbiebek tal-qalb,
marsusin f'nofs il-folla,

iridu jgħaddu bejn il-ħafna li wiċċhom ferħan
għax qed jarawk tqum,
u terga' tibda miexi biex tasal fuq nett.

Kif ħbiebek jersqu biex ikunu qrib,
kull daqqa li taqla' tħabbat f'qalbhom,
kull waqgħa tiegħek tweġġagħhom.
Fost il-folla hemm uċuħ,
ftit uċuħ,
li kif tħares lejhom,
minn għajnejk x'aktarx imbexxqa,
tara fihom ħarsa ta' ħniena.

L-10 stazzjon - Il-libsa

Suldat:

Ma ridtx li nkun jien
li nneħħilek il-libsa.
Ser jkolli nweġġgħek,
għax id-demm,
il-għaraq,
it-trab,
saru ħaġa waħda miegħek, ...
il-libsa weħlet mal-ġrieħi tiegħek.



Ommok qed tarak,
waqt li niġbed minn fuqek il-libsa li ħititlek,...
li min jaf kemm għafset magħha,
kif tlestihielek qabel toħroġ,
kull filgħodu,
għall-ħidma tiegħek ta' mħabba.
Din il-libsa mhux ta' min jarmiha,
Għalkemm hi mċappsa bid-demm,...
fiha riħa li ddejqek,
u tħammar idejn min imiss magħha.
Ma tixraqx lil raġel li tneħħa fuq is-salib,
Għax ġiegħel lil min jibki,
għax sawwat
jew seraq.

Hi l-libsa ta' Ġesu'!
Libsa li tbierket ma' min libisha,
li bierket lil min missha.
Hi l-libsa ta' bniedem li jixbah lill-ħaruf,
li ser jmut mingħajr ma jbexxaq fommu.

Mela nilagħbu għaliha,
u lil min jeħodha,
tkun messitu libsa,

li xxarrbet bid-demm,
li ġabret it-trab,
li għattiet il-ġisem feddej ta’ Ġesu’.

Ħabib, se jkolli nneħħilek il-libsa.
U jekk tmissni x-xorti,
Neħodha u nħalliha hekk,
imċappsa bid-demm,
li ħareġ mill-ġrieħi tiegħek.

Il-11-il stazzjon - Is-salib

Ragel:

Min jibża’ aħjar iwarrrab.
Mhux ta’ min jara bniedem imut fuq salib.
Nistagħġeb kif dil-kotra waslet s’hawn,
u dawn in-nies raw daqshekk moħqrija.
X’hemm li jogħġob f’li tara raġel imut?



Għalxejn taħbi wiċċek,
U tgħatti għajnejk,
Jekk ser tibqa’ hawn,
ser tisma’ t-tismir tal-martell
u dak il-ħin tkun taf x’ inhu jigri:
ikunu qed jinfetħu idejn u riġlejn Ġesu’.
Dawn id-daqqiet ma tinsihom qatt.
Ġesu’ jnewwel idu lir-raġel
Li ser iqiegħed fuqha musmar kiesaħ
u b’daqqa waħda jinfidha,
u jwaħħalha mas-salib.

Imma għandek qalb issallbu ’l Ġesu‘?
Taf għaliex fetaħ idejh bħalissa?
Qed inewwillek idu,
biex int teħodha f’idejk,
u jwasslek fejn ħadd ma jista’ jwasslek ħliefu,
għax ħadd ma ħabbek
Daqskemm ħabbek Hu!

It-12-il stazzjon - Kollox mitmum

Ragel:

Kemm int sabiħ,
Ġesu’ msallab!
La s-swat,
la l-bżieq,
la x-xewk,...
xejn m’għamlek inqas sabiħ minn qabel.

Rabtuk.
Gidbu fuqek.
Dawru n-nies kontrik.
Qatgħuhielek għall-mewt.
Sawtuk.
Beżqu f'wiċċek.
Għafsu x-xewk f'rasek.
Tawk bil-qażba.
Għabbewk is-salib.
Kaxkruk mat-triq.
Ġibduk biex timxi sa fejn rieduk.
Sammruk.
Sallbuk.
Għajruk.
Qatluk.

Imma bqajt sabiħ.
Għajnejk magħluqa
f'wiċċek imtertaq.
Imma wiċċek baqa' hieni,
baqa' wiċċ ta' raġel tajjeb,
li bil-ħlewwa tiegħu jirbaħ il-qlub.
Ibqa' Ġesu', sabiħ.
Ħares hieni lejna mis-salib tiegħek.
Il-wiċċ sabiħ tiegħek hu wens għat-tbatija tagħna.

It-13 - il stazzjon - F'dirgħajn ommu

Marija:

Kont inżommok f'ħoġri.
Imma mhux hekk!
Idejja f'xagħrek,
ħafif, mimxut u nadif;
jew imħabbel
wara li tkun ġrejt mat-tfal ħbieb tiegħek.
Għajnejk żgħar miftuħin beraħ,
iħarsu f'għajnejja,
ikellmuni.
Xufftejk lewn il-ħajja,
Jinfetħu w jitbexxqu
x'ħin nitimgħek u nisqik.
Nisqik xorb b'togħma tajba.
U llum! ... X'tawk tixrob?

Riġlejk ħafjin,
għadek ġej minn qadja
għall-ħanut ta' missierek.
Idejk żgħar u ħelwin,
waqt li nsaħħanhom b'idejja.

Illum mhux hekk!
Xagħrek mgħaqqad fid-demm u fit-trab.
Imniffed bix-xewk.
Idejk u riġlejk!
Dawk l-imsiemer li daħħlu fihom!
Xufftek niexfa.
Ġismek ġerħa waħda.

Imma bqajt Ġesu' tiegħi!
U ser inżommok fuqi bħalma żammejtek ċkejken.
Sakemm it-toqol ta' ġismek bla ħajja jgħajjini.
U nagħtik għall-kesħa tal-qabar.
Ftit ieħor u ma tibqax f'ħoġri.
Din ix-xbiha, imma,
ta' omm b'binha mejjet fi ħdanha,
ser tibqa' sakemm jibqa' iben
ibati quddiem għajnejn ommu.

L-14-il stazzjon - Il-ġnien

Raġel:

Ftit ilu kien id-dlam madwar il-qabar
fejn tqiegħed Ġesu'.
Il-qabar!...
Imħaffer fil-blat,
magħluq,
fis-skiet,
imħares tajjeb biex la ħadd jidħol,
u lanqas joħroġ.



Sebaħ il-jum,
il-Ħadd ta' rebbiegħa.
L-ewwel dwal tal-għodwa nifdu l-friegħi tas-siġar,
f'dal-ġnien,
fejn is-suldati għadhom għassa
ma' qabar nadif, vojt,
u ġdid bħalma kien.

M'hawnx mejtin!
Hawn il-ward jitħarrek maż-żiffa għodwija.
Hawn il-ħaxix iħaddar u mimli ħajja.
Hawn il-weraq imxarrab bin-nida li niżlet.
Hawn il-ħajja!

Għax tfittxu 'l Kristu qalb il-mejtin?
Kristu hu magħkom mill-ġdid,
Qam mill-mewt, u tana tama ġdida.

Kristu rebaħ, Kristu jgħix,
Kristu huwa ħaj. Alleluja!